MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Numru. 774/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Therese Sciberras)**

**v**

**Abdul Hakim Algaz ta’ 27 sena bin Omar**
**u Tania xebba Xuereb, imwieled Libja**
**nhar 17/02/1976, u joqghod “Kennedy Court“,**
**Flat Nru 6, Triq il-Bilbeb, Qawra, San Pawl il-Bahar jew**
**Nru. 38, Triq Vittorio Cassar, B’Kara,**
**detentur tal-karta tal-identia’ bin-numru**
**113700 (L)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Abdul Hakim Algaz li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejejr u cioe fil- JJ Bar sitwat fi Triq il-Port Ruman, Qawra, San Pawl il-Bahar, nhar il-15 ta' Dicembru, 2003 ghall-habta ta' 0300 hrs ikkaguna hsara fil-gisem ta' Garry Richard Redmill, liema hsara iggib mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq, u dan kif iccertifika t-tabib M. Borg MD (Reg No. 2632).
(ii) Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor
(iii) Akkuzat ukoll talli huwa persuna recidiva, u dan wara li kien gie kkundannat ghal reati b'sentenzi li saru definittivi u rega ghamel reat iehor.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena applikabbli ghal dan ir-reat, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Garry Redmill jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, torbot lil Abdul Hakim Al Gaz b'ogglibazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-provi prodotti senjalament huwa l-istess ferut Gary Richard Redmill. Dana xehed illi hu wasal il-JJs Bar gewwa San Pawl il-Bahar. Hemm iltaqa' ma' zewg nisa Irlandizi. Dawn offrewlu drink. Mar it-toilet, wasal lura lejn il-mejda, hemm sab dan id-drink jistennih. Hemm vicin in-nisa ra l-akkuzat li avvicinah u staqsieh jekk kienx offendieh. Hu ma wegbux, anzi qallu "skuzani" u skondu l-akkuzat tah daqqa ta' tazza bil-konsegwenza illi x-xhud waqa' ma' l-art. Kienu s-security tal-post li gibdu lill-akkuzat minn fuqu.

Bhala griehi sofra griehi f'rasu, kellu sittax il-punt. Dawn il-griehi gew klassifikati bhala gravi minhabba s-sutturi u l-

fatt li kien f'wiccu dan kif iccertifika u xehed Dr Malcolm Borg vide Dok GR folio 10.

Redmill kien ferm cert fix-xhieda tieghu ghall-fatt li l-akkuzat tah daqqa b'tazza tant li jghid li f'X rays li ttiehdulu deher anke hgieg fil-ferita li sofra. Dawn l-X rays jew xi prova ohra ta' dan qatt ma ngabu.

Lanqas per parentesi ma ngab xi xhud li fi kliem Redmill assista ghal dan l-incident. Fil-fatt dan ix-xhud semma xhieda barranin prezenti ghall-incident, liema xhieda in kwantu estranei lahqu telqu minn Malta. Dan in parti huwa mputabbli unikament lil Redmill stante ghall-fatt illi darba li wara l-incident mar l-isptar ghall-kura, hemm ghamel kjass u telaq il-barra bla ma rceva assistenza. Kien l-ghada fil-fatt li rega' mar ghall-kura u rrapporta l-kaz – ix-xhieda hawn kienu gia telqu.

Min-naha tieghu is-security tal-fond JJs, David Calleja xehed li hu kien feraq lill-vittma u l-akkuzat, fis-sens li nehha lill-Ingliz, allura l-vittma, minn fuq l-akkuzat. Jghid li hu ma ra ebda tazzi f'idejn wiehed jew l-iehor. Jghid pero' li ftit 'l hinn minnhom kien hemm xi tazzi miksura ma' l-art. Jikkonferma li ma' l-art kien hemm hafna demm u hgieg miksur. Ghalkemm ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk Redmill kien fis-sakra jew le pero' qal li waqt li kien qed idewwih jew ahjar jassistih tah flixkun birra. Mill-informazzjoni li gabar PS 839 Micallef fl-investigazzjoni tieghu jirrizulta illi Redmill kien ghamel xi kummiedji l-isptar u sahansitra telaq il-barra mill-emergenza.

Min-naha tieghu fl-istqarrija qal li l-Ingliz offendih u mbuttah u hu kien pront u laghblu daqqa ta' ponn go wiccu, hawn bdew jissaraw.

L-akkuzat sofra griehi ta' natura hafifa vide certifikat Dok A folio 41.

Viva voce xehed illi waqt li kien gol-bar kien hemm Ingliza li kellmitu, mar Ingliz minn warajh u mbuttah u kellhom xi jghidu bejniethom. Jghid li nsultah fuq il-kulur (tal-gilda).

Jghid li meta gew fl-idejn waqghu fuq il-mejda fuq liema kien hemm tazzi u fliexken. Jghid li kien hawn li l-Ingliz weggha wiccu u hu qatgha idejh.

In kontro ezami l-akkuzat kjarament ikkonferma illi ta daqqa ta’ ponn go wicc l-Ingliz, dan wara li kien gia waqghu flmkien u mbuttah (l-Ingliz) minn sidru.

Ikkonsidrat

Illi kienet x’kienet ir-raguni li qalghet il-glieda, jekk hux l-Ingliz irceva offiza minghand l-akkuzat jew vici versa minhabba li l-akkuzat kellem mara li forsi kienet ma’ l-Ingliz, ex admissis, fl-istqarrija u in kontro ezami, Hakim Algaz, ikkonferma illi ta daqqa ta’ ponn lill-Ingliz cioe lil Redmill. Pero’ kif gia gie premess din il-Qorti hija ferm karenti mill-provi, okulari ghax lahqu siefru, u medici ghax minn imkien ma jidher uzu ta’ hgieg jew ahjar hgieg fil-ferita ta’ Redmill. Lanqas il-Qorti ma tista’ tistabilixxi min fil-verita’ beda l-glieda allura kellux l-akkuzat il-mens rea li jikkaguna ferita fuq Redmill jew kienx in eccess ta’ legittima difiza, jew Redmill weggax meta t-tnejn kienu qed jissaraw ma’ l-art. Dan qed jinghad ghax l-istess Redmill qatt ma ra tazza f’idejn l-akkuzat, skond Calleja ma’ l-art kien hemm il-hgieg, u ghax skond l-istess Calleja, kien l-Ingliz li fil-fatt kien fl-art fuq l-akkuzat.

Ghaldaqstant din il-Qorti tenut dana kollu premess, tenut il-fatt li kull dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------